# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 419/2015/LSO**

**Allied Newpapers Limited (C-308)**

**vs**

**M.A.S. Communications Limited (C-13828)**

**Il-Qorti,**

## **I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Allied Newpapers Limited (C-308) datat 7 ta' Mejju 2015 fejn Kurt Magro (detentur tal-

karta tal-identita` numru 324676M) in rapprezentanza tal-istess socjeta` attrici bil-gurament jikkonferma li huwa jaf bis-segwenti fatti personalment:-

**Dikjarazzjoni tal-Fatti:-**

1. IIli s-socjeta' intimata hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, erba' mija tlieta u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€49,433.17) bhala bilanc dovut fuq somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata fuq inkarigu taghha bejn it-30 ta' Settembru 2013 u t-12 ta' Frar 2015, u dana kif jirrizulta mill-anness 'statement of account' li qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok. A';

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fir-rigward ta' liem, sa fejn taf is-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi xi tressaq;

3. IIli minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-bilanc, fosthom permezz ta' ittra interpellatorja datata 13 ta' Marzu 2015, s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

**Raguni tat-Talba:-**

4. Illi minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi mis-socjeta' rikorrenti sabiex tersaq ghall-hlas tal-bilanc dovut ta' disgha u erbghin elf, erba' mija tlieta u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€49,433.17), hija baqghet inadempjenti;

5. Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u ghalhekk jezistu l-elementi kollha preskritti mid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 sabiex it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jigu decizi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza billi sa fejn taf s-socjeta' rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu;

**Talbiet:-**

Tghid ghalhekk s-socjeta' intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti *in vista* tal-premess u b'dispensa mis-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta' intimata bhala debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' disgha u erbghin elf, erba' mija tlieta u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€49,433.17), liema ammont jirrapprezenta bilanc dovut fuq somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata fuq inkarigu taghha bejn it-30 ta' Settembru 2013 u t-12 ta' Frar 2015, u dana kif jirrizulta mill-anness 'statement of account' li qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok. A';

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mit-30 ta' Ottubru 2013, id-data ta' meta kellha tithallas l-ewwel fattura indikata fl-anness Dok 'A', sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Gunju 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta' Lulju 2015 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Gianluca Caruana Curran li assocja ruhu fil-patrocinju tas-socjeta` attrici ma' Dr Mario DeMarco. Deher ukoll Dr. Stefano Filletti ghas-socjeta` konvenuta rapprezentata minn Mark Spiteri fl-Awla. Il-Qorti nnotat li l-procedura tan-notifika tal-intimat gew kompletati.
L-intimat *tramite* d-difensur tieghu ammetta t-talbiet attrici salv li fil-mori ta' dawn il-proceduri ghamel pagament fuq is-*sorte*, u ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' *circa* €45,000. Dr Filletti kellu fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan id-digiret jipprezenta nota bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti bi prova dwar dan il-pagament, u d-difensur tas-socjeta' attrici kellu jirregola ruhu f' kaz li jirrizulta, billi jitlob riduzzjoni fl-ammont mitlub. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolo ghall-15 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Rat in-nota esebita mis-socjeta' konvenuta fil-5 ta' Otturu 2015 bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti fejn jghid li s-*sorte* ghandu jigi ridott ghal €44,774.42.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjeta' attrici qed titlob li tigi kanonizzata bhala kreditur kontra s-socjeta' intimata fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, erba' mija u tlieta u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€49,433.17), bilanc ta' somma akbar lilha dovuta bhala prezz ghas-servizzi rezi bejn it-30 ta' Settembru 2013 u t-12 ta' Frar 2015.

Mill-verbal redatt mid-difensur tal-intimat fis-seduta tal-16 ta' Lulju 2015 jirrizulta li l-intimat ammetta t-talbiet attrici salv li ddikjara li ghamel pagament fuq is-*sorte* fil-mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' circa hamsa u erbghin elf ewro (€45,000).

Difatti giet esebita ricevuta mahruga mir-rikorrenti favur l-intimata ghall-pagament fl-ammont ta' €4,658.75 datata l-4 ta' Gunju 2015, cioe` f'data posterjuri ghad-data meta infethet din il-kawza.

Is-socjeta' attrici, min-naha taghha, ipprezentat *statement of account* (**Dok A**) li juri a soddisfazzjon tal-Qorti l-

ammonti pretizi salv li l-Qorti ser tnaqqas l-ammont muri fir-ricevuta mill-kapital pretiz.

Ghalhekk l-ammont dovut ser jigi ridott ghall-erbgha u erbghin elf, seba' mija u erbgha u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€44,774.42).

**Imghaxijiet**

Skont l-**Artikolu 1141** jiddisponi li (1) "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita."* Ghaldaqstant l-imghaxijiet ser jigu ordnati skont din id-dispozizzjoni u mhux mid-data li kellha tithallas l-ewwel fattura kif intalab fir-rikors.

**KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi anke *in visto* tal-ammissjoni tas-socjeta' intimata tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:-

**1.** **Tilqa'** l-ewwel talba.

**2.** **Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara lis-socjeta' intimata bhala debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' erbgha u erbghin elf, seba' mija u erbgha u sebghin ewro u tnejn u

erbghin centezmu (€44,774.42) liema ammont jirrapprezenta bilanc dovut fuq somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata fuq inkarigu taghha bejn it-30 ta' Settembru 2013 u t-12 ta' Frar 2015. Bl-imghaxijiet bir-rata kummercjali dekorribbli mid-data tal-iskadenza ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti dik is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet dovuti.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' Intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Ottubru 2015**